MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2004

Appell Kriminali Numru. 105/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sandro Millo)**
**Vs**

**Leslie Storace et.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-23 t'Ottubru, 2001 fid-9.00 ta' filghodu go no. 38/no. 40 Triq Alfons Maria Galea, Iklin, ikkomunika katusi jew kanali maghmula bhala spurgaturi ta' l-ilma tax-xita b'mod li l-ilma tax-xita jista' jibqa sejjer ghal gewwa drenagg minghajr il-permess ta' l-awtorita' sanitarja.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 t'April, 2004, li biha, wara li rat l-artikoli 97 (f)(I) tal-Kap. 10 u l-Artikolu 22 tal-Kap.

446, sabet lill-imputat hati skond l-akkuza u, filwaqt li lliberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahrejn, ordnat li jesegwixxi x-xogholijiet necessarji sabiex l-ilma tax-xita ma jibqax komunikat mas-sistema tad-drenagg u dan f'terminu ta' xahrejn mill-lum taht penali ta' LM2 kull jum fin-nuqqas. Filwaqt li sabet lill-imputat l-iehor Alan Vella mhux hati w illiberatu mill-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-3 ta' Mejju, 2004, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w tillibera lill-appelllant minn kull htija w piena.

**Fliet l-atti kollha processwali,**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti w cioe' :- li l-fatti ma jindirizzawx lill-appellant personali li huwa kiser l-art. 97(f)(i) tal-Kap.10 u l-art. 22 tal-Kap.446 tal-ligijiet ta' Malta ; 2. li l-istess xogholijiet ordnati mill-Qorti fil-prattika mhumiex possibbli kif inhu mibni l-post ; 3. salv aggravji ohra li jigu trattati waqt is-smiegh tal-appell .**

**Fliet l-atti processwali ;**

**Regghet semghet il-provi mill-gdid fil-kors tal-udjenza tas-27 ta' Mejju, 2004 ;**

**Semghet it-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni w tad-difiza;**

**Rat il-fedina penali tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Qieset id-dikjarazzjoni tal-appellant li hu ghamel ix-xogholijiet mehtiega fil-mori tal-appell;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat ;**

Illi fl-ewwel lok il-Qorti tixtieq taghmilha cara li l-aggravji ta' kull appellant iridu skond il-ligi jkunu ndikati fir-rikors tal-appell u dana taht piena ta' nullita' skond l-artikolu 419(1)(b) tal-Kodici Kriminali w appellant ma jistax semplicement jghid li l-aggravji huma dawk li ser jirrizultaw jew jistghu jirrizultaw waqt it-trattazzjoni orali tal-appell , kif ghamel l-appellant odjern fit-tielet sub-paragrafu tal-paragrafu li jittrata dwar kif hassu aggravat . Dejjem gie ritenut li l-Qorti tal-Appell kriminali anzi hija prekluza li tiehu in konsiderazzjoni aggravji li ma jkunux gew imsemmija specifikatament fir-rikors tal-appell. Ghalhekk ir-rizerva li saret mill-appellant kif fuq inghid hija bla valur u irritwali.

**Illi ghar-rigward tal-ewwel aggravju umbaghad dan gie redatt b'mod kriptiku u li ftit jiftiehem u jekk jista' jigi interpretat fis-sens li l-kontravvenzjoni bhala fatt ma tirrizultax , huwa manifestament infondat ghax irrizulta bl-aktar mod car li l-ilma li jinzel mill-katusa tal-ilma tax-xita fil-bitha retrostanti ghall-fond tal-appellant fil-fatt qed jithalla jinzel fis-sistema tad-drenagg pubbliku . Dan hu stat ta' fatt illegali w jikkostitwixxi reat permanenti li ovvjament l-awtorita' ghandha d-dritt li tipprosegwixxi kontra s-sid jew detentur tal-fond de quo.**

**Jekk invece dan l-aggravju jista' jiftiehem dwar li l-Ewwel Qorti ma messiex applikat il-provvediment skond l-artikolu 22 tal-Kap. 446 , dan hu ovvjament aggravju dwar il-piena w ghalhekk ser jigi trattat aktar il quddiem f' dis-sentenza.**

**Illi l-emfasi fit-trattazzjoni orali pero' kienet dwar jekk ix-xogholijiet ordnati mill-Ewwel Qorti kienux possibbli li jsiru fil-prattika. Il-Qorti semghet fir-rigward il-**Perit Valerio Schembri**, li kien gie nominat biex jirrelata dwar il-fatti w punti teknici mill-Ewwel Qorti, lil Perit tal-appellant l-**AIC Richard Aquilina **u lil** Dorianne Grech **, Health Inspector mad-Dipartiment tas-Sanita'.**

Il-Perit Schembri **kkonferma r-relazzjoni tieghu w fil-waqt li kkonferma ukoll li l-katusa tal-ilma tax-xita kienet ikkomunikata mad-drenagg izda qal li fil-fehma tieghu kien impossibbli li jsir ix-xoghol rimedjali minhabba d-dizlivell li hemm u n-nuqqas ta' pendil ghal barra t-triq. Ma kienx jaf jekk l-appellant kienx inghata "exemption" mis-Sanita' , kif isir f' certi kazi .**

Il-Perit Richard Aquilina **xehed li l-bitha tan-naha ta' wara tal-fond tal-appellant tinsab f'livell 'l isfel mit-triq u li stante l-pozizzjoni tal-art tal-garage mhux possibbli li din tiddrejnja direttament ghat-triq . Hu ghalhekk kien ghamel talba lis-Sanita' ghan-nom tal-appellant biex hu jigi ezentat milli jaqla s-sistema w biex kollox jibqa' kif inhu. Qal ukoll li mill-esperjenza tieghu gieli tinghata "exemption" meta jkun hemm certu dizlivell li ma jistax johrog. Hu ma segwix din l-applikazzjoni pero' u ma jafx x'gara minnha.**

Il-Health Inspector Dorianne Grech **xehdet li f' Settembru, 2001 kien dahlilhom rapport li fil-fond tal-appellant kienu saru xi tibdiliet fil-katusi tal-ilma tax-xita u dawn gew jaqilbu ghal god-drenagg flok ghal got-triq kif suppost. Kienu baghtu avviz dwar dan lill-appellant u tawh xahar zmien biex jirrimedja w jgib is-sistema kif suppost . Peress li dan ma sarx inharget c-citazzjoni. Fil-fatt ghalkemm l-appellant kien talab "exemption", din it-talba ma kienetx giet milqugha.**

**Illi minn dawn il-fatti ma hemmx l-icken dubju li l-istat ta' fatt kif kien jezisti fiz-zmien tas-sentenza appellata huwa wiehed ta' illegalita' u l-awtorita' Sanitarja ghandha kull dritt li tara li jigi rimedjat . Illi rrizulta li anki t-talba tal-appellant biex jinghata "exemption" giet rifjutata w ghalhekk issa ma hemm xejn x'josta li l-ligi tigi osservata mill-appellant.**

**Issa l-appellant instab hati ta' ksur tal-artikolu 97 (1)(f)(i) tal-Kap.10 tal-Ligijiet ta' Malta u senjatament f' dik il-parti tieghu li tghid :** "ebda katusa ohra…maghmul bhala spurgatur ta' ilma tax-xita m'ghandu minghajr permess ta' l-awtorita' sanitarja, ikun komunikat …b'mod li

l-ilma tax-xita jista' minn hemm jibqa' sejjer ghal gewwa d-drenagg."

**Illi hu indubbjament obbligu tas-sid li jhares dan ir-regolament skond l-artikolu 97 (1) tal-Kap.10**

L-argument tal-appellant li x-xogholijiet ordnati mhumiex possibbli fil-prattika, kif irrizulta waqt it-trattazzjoni jidher infondat ghax il-Qorti stess spjegat kif dan jista' jsir facilment billi l-katusa li ggib ilma tax-xita mill-bejt tista' tigi devjata ghall-barra t-triq f'livell oghola mill-art tal-garage billi tigi mghoddija mall-gemb tal-garage f' livell li jippermetti li jkun hemm pendil . Ghalhekk zgur li ma hemm ebda impossibilita' fizika biex isiru x-xogholijiet rimedjali halli jitnehha l-inkonvenjent, anzi issa l-appellant iddikjara li fil-fatt dax-xoghol ghamlu. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi michud.

**Finalment dwar il-piena l-Ewwel Qorti applikat il-provvediment tal-art. 22 tal-Kap.446 u ordnat li jsiru ix-xogholijiet necessarji w cioe' li jitnehha l-inkonvenjent kif kellha kull dritt li taghmel skond l-artikolu 321 (1) tal-Kap.10. Ma jidhirx li dan kien xi provvediment eccessiv jew sproporzjonat fic-cirkostanzi w ghalhekk din il-Qorti ma tarax li hemm lok ghal xi varjazzjoni tieghu .**

**Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata w ghall-fini tat-terminu ta' xaharejn biex isiru x-xogholijiet necessarji , dan jibda jiddekorri mill-lum.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------